**Seminar għall-Kunsilli Lokali dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija:** ***(Guardianship Deeds)***
**7 ta' Lulju 2009**

*Diskors mid-Dott. Vanni Xuereb, Kap tal-MEUSAC*

---

- M'għandiex dubju li mill-kelliema ta' qabli smajtu ħafna dwar l-importanza tal-wirt kulturali Malti. Il-kultura hi fost l-elementi ewlenin li sawwru r-ruħ u l-karattru ta' dan in-nazzjon. Għandna għax inkunu kburin bil-wirt kulturali tagħna, iżda jeħtieġ li dan jiġi sfruttat iktar u aħjar, b'mod sostenibbli, għall-benefiċċju tan-nies fid-diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Il-kultura, mhiex biss element essenzjali tal-identità tagħna bħala poplu u nazzjon, iżda hi wkoll għodda importanti fl-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż, ukoll fuq livell lokali.

- Ħafna iqisu lil Malta bħala pajjiż uniku minħabba l-konċentrazzjoni ta' patrimonju kulturali tant kbir fi spazju tant żgħir. Kultura għanja, kif inhi tagħna, toffri potenzjal kbir għal prodott turistiku diversifikat. Illum, il-fenomenu tat-turiżmu kulturali, kif ukoll tat-turiżmu agrikolu, huma ezempji ta' kif, b'mod sostenibbli, tista' tiddiversifika s-settur u tkompli tiġġenera l-ekonomija. Huwa wkoll maghruf li dan it-tip ta' *'niche tourism'* iġib iktar flus lejn il-pajjiż waqt li jikkontribwixxi fil-preżervazzjoni tal-wirt kulturali tal-pajjiż u tal-lokalitajiet tagħna, li b'tant modi llum qed jiġi mhedded.

- Mit-twaqqif mill-ġdid tiegħu, il-MEUSAC beda jassisti numru ta' kunsilli lokali li għandhom viżjoni għal-lokalità tagħhom. F'Mejju, bl-għajnuna tal-MEUSAC, 'l fuq minn erbgħin applikazzjoni ġew sottomessi minn diversi kunsilli lokali taħt il-Fond għall-iŻvilupp Rurali u għall-immodernizzar tas-settur agrikolu. Dan il-Fond ipprovda, fost oħrajn, opportunitajiet għall-konservazzjoni ta' wirt kulturali, kif ukoll mezzi kif dan il-wirt jista' jiġi sfruttat aħjar bħala parti minn pakkett għat-turist li jżur pajjiżna.

- Programm ieħor li l-kunsilli lokali f'dan is-settur jistgħu jibbenefikaw minnu, huwa l-'Culture Programme', fejn b'kooperazzjoni ma' msieħba minn pajjiżi oħra Ewropej jistgħu jittellgħu attivitajiet diversi b'tema kulturali. Taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), hemm ukoll fondi allokati speċifikament għall-promozzjoni u żvilupp tat-turiżmu. Dawn jistgħu jiġu utilizzati biex aspetti kulturali jiġu konservati u ppreżentati lit-turist bis-servizzi kollha neċessarji. Ġemellaġġi sussidjati mill-programm Ewropa għaċ-Ċittadini jista' wkoll ikunu użati biex il-kunsilli jsaħħu l-aspett turistiku tal-lokalità u jiffinanzjaw attivitajiet kulturali.

- L-għajnuna teknika li qed joffri l-MEUSAC f'dan is-settur, ġà bdiet tagħti xi riżultati bl-aħħar proġetti ta' ġemellaġġi li ġew approvati. Dawn kienu tal-Isla, tal-Għarb u tal-Għasri. Proġetti oħra li ġew approvati u li bbenifikaw mill-assistenza ta' MEUSAC jinkludu l-proġetti tal-Imqabba, ta' Ħal-Kirkop u ta' San Lawrenz taħt il-*Youth in Action.* Il-MEUSAC s'issa pprovda assistenza lil tnejn u tletin kunsill lokali, fosthom wieħed u għoxrin kunsill lokali Malti u ħdax-il kunsill lokali Għawdxi. B'kollox ġew sottomessi sebgħa u disgħin applikazzjoni li minnhom tmienja u sittin kienu tal-kunsilli lokali u disgħa u għoxrin ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Bħalma naħseb li tafu, l-għajnuna tekinika li toffri l-MEUSAC fil-mili tal-applikazzjonijiet hi mmirata kemm lejn kunsilli lokali kif ukoll lejn organiżżazzjonijiet mhux governattivi.

- Bħalissa għaddejin ukoll minn proċess fejn bħala MEUSAC qed niltaqgħu mal-kunsilli lokali kollha biex insaħħu l-komunikazzjoni ta' bejnietna u s-servizz li nagħtu fid-dawl tal-esperjenza ta' dawn il-ftit xhur. B'dan il-mod MEUSAC sa ftit gimgħat oħra se jkun iltaqa' ma' prattikament il-kunsilli lokali kollha f'Malta u Għawdex. Bħala MEUSAC mhux biss qed noffru għajnuna teknika, iżda qed nippruvaw nifhmu aktar id-diffikultajiet

tal-kunsilli lokali meta tiġu biex tapplikaw għall-fondi tal-UE. Fejn issibu xi diffikulta nagħmlu ħilitna kollha biex ngħinukom issolvuha. Eżempju ta' dan kien meta b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ressaqna 'l quddiem il-kawża tagħkom fil-problema relatata mad-devoluzzjoni ta' propjetà pubblika li ffaċċjajtu meta ġejtu biex tapplikaw għall-fondi. Dan għax numru sostanzjali ta' kunsilli lokali ma kontux tkunu eliġibbli għall-fondi rurali li kieku ma stajtux turu d-dritt tal-pussess tagħhom fuq xi proprjetà partikolari fil-lokalita tagħhom.

- Il-kollaborazzjoni bejn il-kunsilli lokali nfushom hi importanti meta wieħed jiġi biex japplika għall-fondi taħt xi programm tal-UE. Dan iwassal biex proġett jingħata iktar punti, u bil-ħila t'hekk ikollu iktar ċans li jintgħażel. Għalhekk, huwa neċessarju li kunsilli lokali, speċjalment dawk li għandhom interessi komuni jew li l-lokalitajiet tagħhom qegħdin qrib xulxin, jiddiskutu proġetti fejn jistgħu jaħdmu flimkien f'każ li joħorġu sejħiet għal proġetti għal fondi f'dan is-sens.

- Hemm bżonn ukoll li bħala kunsilli lokali jiifassal pjan u viżjoni għal kull lokalità biex b'hekk proġetti li jiswew eluf jew xi kultant miljuni t'Euro ikunu maħsubin tajjeb minn qabel, u mhux isir kollox tal-aħħar mument bil-konsegwenza li jrid isir kollox fi żmien ftit ġimgħat jekk mhux ġranet! Ma ninsewx, li meta toħroġ xi "call for proposals", normalment iż-żmien li jingħata jkun wieħed qasir biex tiġi sottomossa l-applikazzjoni. Bħala MEUSAC qegħdin kontinwament niggwidawkom anke f'dan is-sens, jiġifieri li saħansitra qabel ma toħroġ xi sejħa partikolari, ngħinukom tħejju ruħkom b'mod li meta ssir s-sejħa, prattikament ix-xogħol preparatorju kollu jkun ġà sar u wieħed litteralment kemm jimla l-applikazzjoni.

- Mill-laqgħat li qed nagħmlu magħkom, fhimna wkoll il-bżonn li ntejjbu l-kommunikazzjoni ta' bejnietna u nsaħħu s-

servizz ta' Informazzjoni li noffru lill-kunsilli lokali dwar opportuniatjiet ta' fond ital-UE.

- Insemmi wkoll il-ħtieġa li jkun hemm kollaborazzjoni tajba ma' entitajiet governattivi kif ukoll ma' dawk li mhumiex. B'hekk kunsill ikun qed jsaħħaħ l-applikazzjoni u jżid l-kompetenza tiegħu li jwassal għas-suċċess tal-proġett.

- Nirringrazzjakom tal-attenzjoni u nħares 'il quddiem għal aktar kooperazzjoni produttiva bejn MEUSAC u kunsilli lokali. Grazzi.